# L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Novembru 2024

NR 244/2024 Data tal-Ħruġ: 19 ta' Diċembru 2024

*F'Novembru 2024, ir-rata annwali tal-inflazzjoni kif imkejla mill-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI) kienet ta' 1.3 fil-mija; tnaqqis mir-rata ta' 1.6 fil-mija rreġistrata f'Ottubru 2024.*



**It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni**

L-ogħla rati ta' inflazzjoni f'Novembru 2024 kienu rreġistrati fil-Prodotti u servizzi oħra (3.7 fil-mija) u fil-Kura personali u s-saħħa (3.1 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-aktar rati baxxi ta' inflazzjoni annwali kienu rreġistrati fl-Għamara u t-tagħmir tad-dar (-2.2 fil-mija) u l-Ħwejjeġ u ż-żraben (-1.3 fil-mija) (Tabelli nri 1 u 4).

## Ċart nru 1. Rati ta' inflazzjoni




## Ċart nru 2. Ir-rati annwali tal-inflazzjoni għall-għaxar gruppi ewlenin

Xahar ta' riferenza - Novembru 2024




Noti:

1. L-Indiċi tal-Ikel jinkludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways.
2. Serje kronoloġika fid-dettall ta' dawn iċ-ċifri qiegħda f'Tabella nru 4.

F'Novembru 2024, l-akbar kontribuzzjoni pożittiva għall-inflazzjoni annwali ġiet mill-Indiċi tal-Ikel (+0.46 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tas-servizzi tar-ristoranti. It-tieni u t-tielet l-akbar kontribuzzjonijiet kienu nnotati fl-Indiċi tal-Kura personali u s-saħħa (+0.28 punti perċentwali) u fl-Indiċi ta' Prodotti u servizzi oħra (+0.27 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tal-prodotti tal-iġjene personali u tal-assigurazzjonijiet, rispettivament.

Il-kontribuzzjonijiet negattivi għall-inflazzjoni annwali kienu rreġistrati fl-Għamara u t-tagħmir tad-dar (-0.15 punti perċentwali) u fil-Ħwejjeġ u ż-żraben (-0.08 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet inqas tal-għamara u tal-ħwejjeġ, rispettivament (Ċart nru 3, Tabella nru 5).

## Ċart nru 3. Il-kontribuzzjonijiet tal-għaxar gruppi għar-rata annwali tal-inflazzjoni

Xahar ta' riferenza - Novembru 2024




Noti:

1. L-Indiċi tal-Ikel jinkludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways.
2. Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.
3. Serje kronoloġika fid-dettall ta' dawn iċ-ċifri qiegħda f'Tabella nru 5.

**L-aggregati**

F'Novembru 2024, l-Indiċi tal-Prodotti u servizzi oħra rreġistra l-ogħla rata annwali ta' inflazzjoni bi 3.7 fil-mija, li minnha l-Ġojjelli, arloġġi tal-idejn u oġġetti oħra rreġistraw rata annwali ta' 6.8 fil-mija, il-Prodotti li jintużaw għall-ħasil u t-tisjir irreġistraw rata annwali ta' 4.3 fil-mija, is-Servizzi veterinarji (inkluż ikel għall-annimali domestiċi) u servizzi domestiċi rreġistraw rata annwali ta' 0.4 fil-mija, filwaqt li l-Assigurazzjonijiet, servizzi finanzjarji u servizzi oħra rreġistraw rata annwali ta' 3.9 fil-mija.

L-Indiċi tal-Għamara u t-tagħmir tad-dar irreġistra l-aktar rata baxxa ta' inflazzjoni annwali bi -2.2 fil-mija, li minnha l-Għamara u t-tagħmir tad-dar irreġistraw rata annwali ta' -2.3 fil-mija, it-Twapet u t-tessuti għad-dar irreġistraw rata annwali ta' 1.6 fil-mija, u l-Apparat u l-għodda domestiċi rreġistraw rata annwali ta' -2.9 fil-mija (Tabelli nri 1 u 3).